**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elliot Magro)**

**Vs**

**Alison Tabone Mirasole, detentriċi tal-karta tal-identità numru 0142978M.**

*Kumpilazzjoni Nru. 177/2023*

Illum, 11 ta' Lulju, 2023

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputata **Alison Tabone Mirasole** u ċioe talli:

Nhar is-16 ta' Ottubru, 2022 u kif ukoll fil-ġranet u ġimgħat ta' qabel din id-data b'diversi atti magħmula minnek fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi, u li jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, ġewwa Mqabba:

1. Ġiegħelet annimali jsofru uġigħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(2) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, żammet jew qablet li żżomm annimali mingħajr ma kienet responsabbli għat-trattament xieraq tagħhom, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(3) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta'Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi naqset milli tieħu dawk il-passi raġonevoli f'kull ċirkostanza sabiex tiżgura li l-ħtiġijiet tal-annimali li hi kienet

responsabbli għalihom, jew li qablet li tieħu ħsieb, jintlaħqu hekk kif meħtieġ bi prattiċi tajba sabiex tiġi żgurata s-saħħa u l-benesseri tal-annimali li jinkludu fost l-oħrajn l-provvista ta' ambjent xieraq, provvista ta' dieta sana, lok sabiex l-annimali jesprimu l-imġieba normali tagħhom, provvista ta' akkomodazzjoni xierqa u protezzjoni minn uġiegħ, tbatija, korriment u mard, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(4) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tipprojbixxi lill-imputata milli żżomm annimali jew milli tirrisjedi f'post fejn jinżammu l-annimali għal dak iż-żmien li jista jkun stabbilit mill-Qorti u dan skond l-Artikolu 35 Subartikolu 1(b) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta'Malta.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika il-piena skond il-Liġi, tordna lill-imputata sabiex tħallas l-ispejjeż imġarrba għat-trattament, rilokazzjoni jew konfiska ta' annimali minn kull post f'Malta, ir-revoka ta' kull permess maħruġ għall-operat ta' kull attivita' regolata taħt l-Att 439 tal-Liġijiet ta'Malta u għal spejjeż oħra raġonevoli kif il-Qorti jidrilha xieraq bħala riżultat ta' dak ir-reat, u dan skond l-Artikolu 45 Subartikolu 3 tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta'Malta.

Rat li waqt l-udjenza tal-25 t'April, 2023 l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali kif reż applikabbli bl-artikolu 370(6) tal-Kodiċi Kriminali, w ċioe wara li l-imputata wieġbet li hi ħatja għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha, din il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w hi ngħatat żmien xieraq sabiex jekk riedet terġa lura minnha u dan anke billi kkonsultat mal-legali tagħha hekk kif il-kawża ġiet posposta għal dan l-iskop.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha, u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tagħha, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputata ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha kif minnha ammessi.

**Il-Piena**

Dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni tal-imputata, tal-fedina penali netta tagħha w taċ-ċirkostanzi l-oħra tal-każ u senjatament dak li rriżulta mill-Pre-Sentencing Report.

Ġie kunsidrat li fir-rigward tal-imputazzjonijiet miġjuba japplika l-prinċipju tal-konkors formali ta' reati fejn il-piena hi l-istess għal kull imputazzjoni w ċioè dik kontemplata bl-artikolu 45(1)(a) tal-***Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali***, Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikolu 17 tal-Kodiċi Kriminali, u l-artikoli 8(2)(3)(4) u 45 tal-***Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali***, Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputata ħatja tal-imputazzjonijiet lilha addebitati kollha, u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 11 tal-***Att dwar il-Probation***, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li Alison Tabone Mirasole titqiegħed taħt ordni ta' servizz fil-komunità.

L-imputata qed tiġi ordnata taqdi **mija w ħamsa w sebgħin (175) siegħa** ta' xogħol bla ħlas jew xogħol bla ħlas u taħriġ, kif speċifikat fl-artikolu 11 tal-Att dwar il-Probation.

Qabel ma din il-Qorti għaddiet biex tagħmel din l-ordni semgħet lill-Uffiċjal tal-Probation, ai termini tal-Artikolu 11(4) tal-Att dwar il-Probation, spjegat lill-imputata bi kliem li jiftiehem sew l-effett tal-ordni u li kemm il-darba tonqos li tikkonforma ruħha magħha jew tagħmel xi reat ieħor, hi tkun tista' tingħata sentenza għar-reat oriġinali.

A tenur tal-artikolu 11(5) tal-Att dwar il-Probation, tordna li kopja ta' dan l-ordni minnufih tingħata lill-imputata, lid-Direttur, lill-uffiċjal tas-servizz fil-komunità assenjat għall-każ mid-Direttur, u lill-aġenziji u l-awtoritajiet responsabbli għas-sorveljanza tal-ordni ta'servizz fil-komunità.

Inoltre` ai termini tal-Artikolu 45(3) tal-***Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali***, Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputata qed tiġi ordnata tħallas l-ispejjeż imġarrba għat-trattament, rilokazzjoni jew konfiska ta' annimali in kwistjoni kemm il-darba saru l-imsemmija spejjez mill-Animal Welfare Department, liema rendikont għandu jiġi notifikat lill-imputata fi żmien ġimgħatejn millum sabiex hi tingħata żmien tlett xhur minn dik in-notifika sabiex teffettwa l-ħlas dovut.

Finalment il-Qorti hi prekluza milli tipprojbixxi lill-imputata milli żżomm annimali jew milli tkompli tirrisjedi f'xi post fejn jinżammu annimali peress li, id-dispożizzjoni li tikkontempla għal din il-projbizzjoni, iddaħħlet fil-Kapitolu 439 permezz tal-***Att I tal-2023***[1] meta ir-reati li dwarhom qed tinstab ħtija jirrisalu għal Ottubru 2022 u l-ġimghat ta' qabel.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lill-Uffiċju għall-Probation u Parole u lil Animal Welfare Department.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**

[1] Publikat nhar l-20 ta' Jannar 2023